

Brussell, 7 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

8672/25

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2024/0079 (NLE)**

---

**EDUC 135**  
**SOC 255**  
**JEUN 64**  
**DIGIT 81**  
**ENV 309**

**NOTA**

---

|          |                                                                                                                                                             |
|----------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                            |
| lil:     | Kunsill                                                                                                                                                     |
| Suġġett: | Abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar sistema Ewropea ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' rikonoxximent fl-edukazzjoni għolja<br>- <i>Adozzjoni</i> |

---

1. Fit-30 ta' April 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil dwar l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni msemmi hawn fuq, kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota.
2. Il-Kunsill (EYCS) huwa għalhekk mistieden jadotta l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni fis-sessjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2025.
3. Wara l-adozzjoni, ir-Rakkomandazzjoni ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill

dwar sistema Ewropea ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' rikonoxximent fl-edukazzjoni għolja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 165 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

1. Is-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità huma strumentali biex jiġu stabbiliti standards ta' kwalità għolja għall-edukazzjoni u tinbena l-fiduċja fost is-sistemi u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn minnha. Dawn jikkostitwixxu element kostitwenti ewlieni ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali. L-iżguraw tal-kwalità tal-edukazzjoni għolja huwa l-pedament għal fiduċja reċiproka, li tippermetti kooperazzjoni tranżnazzjonali u mobbiltà tal-apprendiment bla xkiel.
2. Ir-responsabbiltà ewlenija għall-kwalità fl-għoti tal-edukazzjoni tagħhom taqa' f'idejn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, li għandhom jagħmlu l-kisba tal-ogħla standards prijorità istituzzjonali ewlenija u jiżviluppaw strateġiji u proċessi ta' assigurazzjoni tal-kwalità biex jiżguraw il-kisba ta' dak l-oġettiv.

3. L-implimentazzjoni tal-Istandards u l-Linji Gwida għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (ESG) kienet pass fundamentali fil-konsolidazzjoni taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA), li tappoġġa l-ħolqien ta' kultura ta' kwalità f'sistemi u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja madwar l-Ewropa; madankollu, l-ESG għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ fl-Istati Membri kollha.
4. Is-soċjetajiet madwar l-Ewropa qed jesperjenzaw trasformazzjoni dinamika, xprunata mit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, l-opportunitajiet u l-isfidi tal-intelliġenza artifiċjali, l-isfidi demografiċi u sitwazzjoni ġeopolitika li qed tinbidel b'mod rapidu. Is-sistemi tal-edukazzjoni għolja għandhom mhux biss jirreaġixxu, iżda jikkontribwixxu b'mod attiv għal din it-trasformazzjoni u jixprunawha. Fejn rilevanti, il-proċessi ta' assicurazzjoni tal-kwalità għandhom jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja f'dan il-vjaġġ trasformattiv billi jipprovdu rieżamijiet minn esperti biex itejbu l-kwalità tal-offerta edukattiva tagħhom.
5. Il-ħtieġa li l-proċessi ta' assicurazzjoni tal-kwalità jsiru aktar aġli, internazzjonalizzati u adatti għall-iskop tagħhom għandha tiġi indirizzata filwaqt li jiġi żgurat li dawn il-proċessi jibqgħu ffukati fuq l-iżgurar tal-ogħla standards ta' kwalità. Il-kisba ta' feedback mill-gradwati dwar il-perkorsi fl-apprendiment u fil-karriera tagħhom u r-rilevanza tal-edukazzjoni, il-ħiliet u l-kompetenzi miksuba tikkostitwixxi għodda ta' monitoraġġ siewja, li jista' jintuża biex jiġi żgurat l-kwalità u r-rilevanza fil-livell istituzzjonali u tas-sistema. L-Inizjattiva Ewropea ta' Monitoraġġ tal-Perkors tal-Gradwati<sup>1</sup> kkontribwiet biex dan il-monitoraġġ isir aktar sistematiku u komparabbli.
6. Arranġamenti nazzjonali diverġenti għal assicurazzjoni tal-kwalità għadhom joħolqu kumplessità għal kooperazzjoni tranżnazzjonali fl-edukazzjoni għolja, ixekklu l-iżvilupp ta' programmi edukattivi konġunti u jillimitaw l-opportunitajiet edukattivi għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u għall-istudenti. Huwa importanti li t-turiya tal-konformità mar-rekwiżiti formali jkun ibbilanċjat mal-iżgurar ta' enfasi kontinwa u impenn għal titjib kontinwu fil-provvista tal-edukazzjoni, li huwa ċentrali għall-assicurazzjoni tal-kwalità.

---

<sup>1</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2017 dwar il-monitoraġġ tal-perkors fil-karriera tal-gradwati (ĠU C 423, 9.12.2017, p. 1).

7. L-istrumenti eżistenti, bħall-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti (l-Approċċ Ewropew)<sup>2</sup>, huma apprezzati ħafna mill-komunità tal-edukazzjoni għolja u l-Istati Membri, iżda l-implimentazzjoni għadha skarsa minħabba approċċi nazzjonali diverġenti.
8. Il-programmi konġunti saru karatteristika taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u huma apprezzati ħafna mill-partijiet ikkonċernati kollha tal-edukazzjoni għolja. Arranġamenti adegwati ta' assicurazzjoni tal-kwalità huma prerekwiżit biex jiġi żgurat li dawn il-programmi konġunti jkunu jistgħu jiġu implimentati b'mod wiesa' madwar l-Unjoni. L-għoti ta' tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta abbażi ta' kriterji predefiniti jista' jgħin biex jiġu indirizzati kwistjonijiet eżistenti relatati mal-assigurazzjoni tal-kwalità u l-akkreditazzjoni ta' programmi konġunti. Fi stadju aktar tard, jista' jkun hemm aktar momentum minn lawrja Ewropea konġunta biex ikun aktar faċli għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja involuti f'kooperazzjoni tranżnazzjonali li jipprovdu programmi konġunti u jagħtu lawrji konġunti, f'konformità mal-istrumenti ta' Bologna.
9. Filwaqt li d-diskussjonijiet dwar il-lawrja Ewropea konġunta għadhom għaddejjin, għadha ma tteħditx deċiżjoni dwar l-introduzzjoni possibbli tagħha mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u kwalunkwe referenza għal lawrja Ewropea konġunta f'din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għandha tinftehem f'dan is-sens. Ser tkun meħtieġa informazzjoni ċara u dettaljata biex il-Kunsill jieħu deċiżjoni infurmata dwar l-evidenza rigward il-passi li jmiss għal lawrja Ewropea konġunta.
10. Il-kriterji Ewropej fl-Anness II jistipulaw il-karatteristiċi ewlenin tat-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta u jiggarrantixxu r-rispett tal-ogħla standards biex jiġu offruti programmi tranżnazzjonali u juru n-natura Ewropea speċifika ta' tali tikketta. Dawn il-kriterji la huma obligatorji u lanqas legalment vinkolanti, iżda biex tiġi żgurata l-fiduċja reċiproka, it-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta tingħata biss meta jiġu ssodisfati dawn il-kriterji kollha.

---

<sup>2</sup> L-approċċ, approvat mill-ministri tal-EHEA f'Mejju 2015, għandu l-għan li "jneħħi ostaklu importanti għall-iżvilupp ta' programmi konġunti billi jiġu stabbiliti standards għal dawn il-programmi abbażi tal-għodod miftiehma tal-EHEA, mingħajr ma jiġu applikati kriterji nazzjonali addizzjonali (Traduzzjoni mhux uffiċjali) ".

11. Is-sett ta' kriterji Ewropej għat-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta jista' jirrappreżenta bażi għal dawk li għandhom jiġu applikati għal lawrja Ewropea konġunta fi stadju aktar tard jekk, wara l-analiżi tagħha tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tat-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta u l-istudju ta' fattibbiltà dwar lawrja Ewropea konġunta kif deskritt fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta u l-passi li jmiss lejn lawrja Ewropea konġunta possibbli: nagħtu spinta lill-kompetittività tal-Ewropa u l-attrattività tal-edukazzjoni għolja Ewropea, il-Kunsill jiddeċiedi li jieħu passi lejn l-introduzzjoni ta' lawrja Ewropea konġunta. L-istudju ta' fattibbiltà għandu jinkludi evalwazzjoni bir-reqqa tal-kriterji Ewropej li abbażi tagħhom tingħata l-lawrja Ewropea konġunta u l-proċeduri korrispondenti ta' assigurazzjoni tal-kwalità bħala bażi għad-deċizzjoni tal-Kunsill dwar il-kriterji tal-lawrja Ewropea konġunta possibbli.
12. F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja<sup>3</sup>, diversi Stati Membri jinkoraġġixxu l-użu tal-Approċċ Ewropew u gradwalment qed jimxu lejn sistemi esterni ta' assigurazzjoni tal-kwalità aktar istituzzjonali u b'hekk, jagħmlu l-kooperazzjoni tranżnazzjonali fl-edukazzjoni għolja aktar effettiva u flessibbli. It-tiżiż ta' sistemi interni ta' assigurazzjoni tal-kwalità huwa pass importanti lejn it-tħaffif tal-proċessi filwaqt li jiġu żgurati l-oġġla standards ta' kwalità.

---

<sup>3</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja (ĠU C 160, 13.4.2022, p. 1).

13. L-alleanzi ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, bħall-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, huma fuq quddiem nett tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej – Inqarrbu l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-soċjetà: Inwittu t-triq għal dimensjoni ġdida fl-edukazzjoni għolja Ewropea<sup>4</sup> jiddikjaraw li l-"Universitajiet Ewropej" għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-kwalità tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali permezz ta' strateġiji interistituzzjonali li jikkombinaw l-apprendiment u t-tagħlim, ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien fl-ekonomija u s-soċjetà, u jikkontribwixxu għall-bidla fil-politika u fis-soċjetà. Huma wkoll pjattaformi importanti għall-iżvilupp ulterjuri tad-dimensjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jeħtieġ joffru apprendiment ibbażat fuq ir-riċerka u jiffavorixxu karrieri flessibbli u attraenti fit-tul fir-riċerka u t-tagħlim. Dawn l-alleanzi jimpenjaw ruħhom li jieħdu l-kooperazzjoni tagħhom fil-livell li jmiss billi jistabbilixxu kampusijiet interuniversitarji Ewropej fejn l-għoti tal-edukazzjoni konġunta jkun in-norma. Bħala pass ewlieni fil-ħolqien ta' dawn il-kampusijiet, l-alleanzi qed jibnu sistemi interni ta' assigurazzjoni tal-kwalità li jiżguraw li l-kwalità fl-għoti tal-edukazzjoni konġunta tagħhom jissodisfa l-ogħla standards. Dan għandu jipprovdi assigurazzjoni lill-partijiet ikkonċernati tagħhom u jiffaċilita l-għoti konġunt tal-edukazzjoni. Ġew identifikati elementi kostitwenti ewlenin biex jinbeda t-tiftix ta' qafas iddedikat għall-assigurazzjoni tal-kwalità u biex jiġi vvalutat l-użu tiegħu.

---

<sup>4</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej - Inqarrbu l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-soċjetà: Inwittu t-triq għal dimensjoni ġdida fl-edukazzjoni għolja Ewropea (ĠU C 221, 10.6.2021, p. 14).

14. Ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki u l-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż huma meħtieġa biex il-mobbiltà tal-apprendiment issir realtà għal kulħadd, biex tiġi appoġġata ċ-ċirkolazzjoni bilanċjata tal-imħuħ fost l-Istati Membri kollha, u sabiex titrawwem il-kompetittività. Fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2018 dwar ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż<sup>5</sup>, l-Istati Membri ġew rakkomandati jistabbilixxu l-passi meħtieġa biex jinkiseb rikonoxximent reċiproku awtomatiku għall-fini ta' apprendiment ulterjuri mingħajr ma jkollhom jgħaddu minn proċedura ta' rikonoxximent separata, sabiex kwalifika ta' edukazzjoni għolja miksuba fi Stat Membru wieħed tiġi rikonoxxuta awtomatikament fl-istess livell, għall-fini ta' aċċess għal studji ulterjuri, fl-oħrajn, mingħajr ma jiġi ppreġudikat id-dritt ta' istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja jew tal-awtoritajiet kompetenti li jistabbilixxu kriterji speċifiċi ta' ammissjoni għal programmi speċifiċi jew li jivverifikaw l-awtenticià tad-dokumenti. Sistemi robusti ta' assigurazzjoni tal-kwalità huma l-pedament għall-bini tal-fiduċja meħtieġa biex jiġi żgurat rikonoxximent awtomatiku.
15. Ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà, l-awtonomija istituzzjonali u l-libertà akkademika, u ser tiġi implimentata f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

---

<sup>5</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż (ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1).

## ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

### **Itejbu s-sistemi kollha ta' assigurazzjoni tal-kwalità**

#### 1. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:

- a) irawmu t-titjib kontinwu tal-assigurazzjoni tal-kwalità, inkluż bil-ħsieb li jtejbu l-kwalità u r-rilevanza tal-edukazzjoni għolja, u li jżommu livell għoli ta' fiduċja u responsabbiltà tranżnazzjonali fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja;
- b) jiżguraw li s-sistemi ta' assigurazzjoni tal-kwalità jkunu adatti għall-iskop tagħhom u għalhekk lesti biex jirrispondu għall-iżviluppi soċjetali teknoloġiċi u ekonomiċi ewlenin li jaffettwaw l-edukazzjoni għolja. Is-sistemi tal-edukazzjoni għolja jistgħu jispiraw ruħhom minn prattiċi tajba attwali biex jindirizzaw dawn l-aspetti b'modi differenti, pereżempju billi jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jinkluduhom fil-proċeduri interni tagħhom tal-assigurazzjoni tal-kwalità, jinkorporaw objettivi speċifiċi fl-assigurazzjoni tal-kwalità esterna regolari tagħhom jew permezz ta' rieżami tal-kwalità ffukat jew tematiku fil-livell tas-sistema. Ir-responsabbiltà ewlenija għall-kwalità tad-dispożizzjonijiet edukattivi tagħhom hija tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja. Tali approċċ għandu jitwettaq f'allinjament sħiħ mal-ESG, u jista' jinkludi suġġetti bħal:
  - i) il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-valuri akkademiċi fundamentali, kif definiti mill-proċess ta' Bologna;

- ii) ir-rilevanza tal-eżiti tat-tagħlim u tal-apprendiment għall-iżvilupp personali, l-impjegabbiltà u ċ-ċittadinanza attiva, kritika u responsabbli, filwaqt li jibnu, pereżempju, fuq informazzjoni minn stħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-monitoraġġ tal-perkors tal-gradwati jew kooperazzjoni aktar mill-qrib mas-sħab soċjali, inkluż it-tfassil tal-kurrikulu u l-offerta ta' opportunitajiet ta' internship<sup>6</sup>;
- iii) jekk il-programmi (li jwasslu għal lawrja sħiħa jew mikrokredenzjali) humiex qed itejbu l-kompetenzi (jiġifieri l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet) tal-istudenti u tal-istudenti tul il-ħajja dwar prijoritajiet soċjetali u ekonomiċi ewlenin, bħat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali;
- iv) is-sinerġiji rilevanti bejn l-edukazzjoni, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, ir-riċerka, l-innovazzjoni, u s-servizz lis-soċjetà;
- v) l-edukazzjoni għolja inklużiva, kif definita mill-proċess ta' Bologna, li trawwem, fost l-oħrajn, l-aċċessibbiltà u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll apprendiment iffukat fuq l-istudenti u l-benesseri;
- vi) karrieri akkademiċi u kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sostenibbli;<sup>7</sup>
- vii) l-istrateġiji biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali;

---

<sup>6</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2017 dwar il-monitoraġġ tal-perkors tal-gradwati (ĠU C 423, 9.12.2017, p. 1).

<sup>7</sup> Kif definit fir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2024 dwar karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni għolja (ĠU C, C/2024/7282, 5.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/7282/oj>).

- c) fejn possibbli, jiżguraw li għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, il-proċessi esterni tal-assigurazzjoni tal-kwalità jkunu adattati għall-fini tagħhom u effiċjenti fir-riżorsi biex jiġi evitat piż amministrattiv addizzjonali.
- d) jiżguraw li d-deċiżjonijiet dwar l-akkreditazzjoni, ir-reġistrazzjoni u l-evalwazzjoni ta' istituzzjonijiet u programmi tal-edukazzjoni għolja jsiru b'mod trasparenti u oġġettivi, f'konformità mal-ESG, bl-input espert xieraq u l-parteċipazzjoni tal-komunità tal-edukazzjoni għolja, inkluż studenti u persunal akkademiku u amministrattiv, fit-trawwim ta' kultura ta' kwalità.
- e) jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex isegwu sa liema punt il-proċeduri ta' assicurazzjoni tal-kwalità jwasslu għal titjib fil-kwalità tal-għoti tal-edukazzjoni.
- f) jinkoraġġixxu l-pubblikazzjoni ta' rieżamijiet tal-assicurazzjoni tal-kwalità (kemm fil-livell istituzzjonali kif ukoll f'dak tal-programm) fil-Bażi tad-Data tar-Riżultati tal-Assicurazzjoni tal-Kwalità Esterna (DEQAR) u jiffaċilitaw it-traduzzjoni tagħhom, sabiex tittejjeb it-trasparenza tranżnazzjonali tal-kwalità tal-għoti tal-edukazzjoni għolja.

- g) jiżguraw li s-sistemi istituzzjonali interni ta' assigurazzjoni tal-kwalità jkopru l-firxa sħiħa tal-għoti tal-edukazzjoni ta' istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja. Għall-għoti tal-edukazzjoni li twassal għal mikrokredenzjali, jużaw l-approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà u l-prinċipji Ewropej għat-tfassil u l-ħruġ ta' mikrokredenzjali<sup>8</sup> bħala referenza.
- h) jappoġġaw u jħeġġu lill-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità jorganizzaw attivitajiet ta' apprendiment reċiproku, filwaqt li jippermettu lill-istituzzjonijiet nazzjonali tal-edukazzjoni għolja u lill-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità jqabblu l-prattiki tagħhom ma' dawk minn bnadi oħra fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. Dan jista' jsir permezz ta' apprendiment komparattiv<sup>9</sup>, fejn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità jistgħu jitgħallmu minn istituzzjonijiet ewlenin oħra tal-edukazzjoni għolja, jew permezz tal-analiżi ta' data minn monitoraġġ tas-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tal-perkors tal-gradwati u l-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja.

---

<sup>8</sup> Kif deskritt fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 10).

<sup>9</sup> L-apprendiment komparattiv huwa definit bħala proċess għall-ħolqien ta' rabta sistemika u integrata bejn il-valutazzjoni komparattiva u l-attivitajiet ta' tagħlim reċiproku fl-oqsma kollha relatati mal-assigurazzjoni tal-kwalità fil-qasam tal-edukazzjoni għolja.

## **It-tiftix tal-iżvilupp ta' qafas iddedikat għall-assigurazzjoni tal-kwalità għall-alleanzi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja**

2. Huwa rakkomandat li l-Istati Membri jipparteċipaw fit-tiftix tal-iżvilupp ta' qafas Ewropew dedikat li jippermetti li kwalunkwe tip ta' alleanza ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li tkun involuta f'kooperazzjoni sostenibbli u fit-tul, li tmur lil hinn minn kooperazzjoni ad hoc jew minn dik ibbażata fuq proġett biex tgħaddi minn evalwazzjoni esterna konġunta tal-arranġamenti interni konġunti tagħhom għal assicurazzjoni tal-kwalità, li tkopri l-azzjonijiet konġunti kollha jew tal-anqas l-għoti tal-edukazzjoni konġunt tal-istituzzjonijiet parteċipanti, bħal programmi konġunti jew mikrokredenzjali konġunti, fejn meħtieġ. Din il-ħidma għandha tinkludi l-azzjonijiet li ġejjin:
- a) jaħdmu flimkien ma' partijiet ikkonċernati ta' assicurazzjoni tal-kwalità u alleanzi ta' istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja biex jesploraw l-iżvilupp ta' dan il-qafas ta' assicurazzjoni tal-kwalità dedikat ibbażat fuq l-elementi kostitwenti inklużi fl-Anness I ta' din ir-Rakkomandazzjoni u jivverifikawh, abbażi tar-riżultati tal-proġetti EUniQ<sup>10</sup> u IMINQA<sup>11</sup> ffinanzjati minn Erasmus+, fejn rilevanti;
  - b) l-evalwazzjoni tal-ħtieġa għal dan il-qafas iddedikat b'enfasi speċifika fuq jekk jistax iwassal għal tnaqqis sinifikanti tal-piżijiet amministrattivi u jwassal valur miżjud ċar għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u atturi rilevanti oħra;
  - c) abbażi tal-eżiti tal-evalwazzjoni, l-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-UE rreġistrati fl-EQAR u daww l-aġenziji tal-UE li jimplimentaw bis-sħiħ l-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti jkunu jistgħu jwettqu tali evalwazzjoni esterna tal-assigurazzjoni tal-kwalità, ibbażata fuq dan il-qafas;

---

<sup>10</sup> Il-proġett EUniQ żviluppa approċċ għal assicurazzjoni komprensiva tal-kwalità tal-Universitajiet Ewropej.

<sup>11</sup> IMINQA huwa l-proġett umbrella li jappoġġa l-Grupp Tematiku tal-Pari ta' Bologna dwar l-Assigurazzjoni tal-Kwalità.

**Jagħmlu l-programmi jew l-approċċi kkombinati għall-assigurazzjoni tal-kwalità esterna  
aktar aġli**

3. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:

- a) jiffaċilitaw il-kooperazzjoni tranżnazzjonali u l-aġilità tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja billi:
  - i) jappoġġaw l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex jistabbilixxu jew isaħħu proċess robust ta' assicurazzjoni tal-kwalità interna, u jiżviluppaw kultura b'saħħitha ta' kwalità istituzzjonali;
  - ii) ladarba l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jkollhom proċess robust ta' assicurazzjoni tal-kwalità interna, jiġu mħeġġa jimxu lejn approċċ istituzzjonali għall-assigurazzjoni tal-kwalità, pereżempju billi jillimitaw l-akkreditazzjoni obbligatorja tal-programmi mill-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità għall-akkreditazzjoni inizjali għal programmi ġodda u, fejn possibbli, jintroduċu proċeduri ta' awtoakkreditazzjoni mill-ġdid bħala parti mill-proċess tal-assicurazzjoni tal-kwalità interna;
  - iii) isaħħu approċċ ibbażat fuq l-evidenza għall-assigurazzjoni tal-kwalità, bl-użu ta' firxa ta' data, inkluż mill-monitoraġġ tal-perkors tal-gradwati u l-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja; u
  - iv) jappoġġaw l-apprendiment bejn il-pari u l-bini tal-kapaċità biex l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jsaħħu l-kultura tal-kwalità tagħhom fit-tranżizzjoni lejn approċċ istituzzjonali għall-assigurazzjoni tal-kwalità esterna;

- b) jippermettu u jinkoraġġixxu l-użu tal-Approċċ Ewropew, jekk ikun għadu mhux implimentat, billi:
  - i) ineħħu kriterji ta' assigurazzjoni tal-kwalità miżjuda fil-livell nazzjonali jew kwalunkwe ostaklu amministrattiv jew regolatorju potenzjali ieħor;
  - ii) joħolqu ambjent abilitanti li jipprovdi gwida u appoġġ lill-persuni li jaħdmu fl-assigurazzjoni tal-kwalità, b'kont meħud tal-awtonomija istituzzjonali;
  - iii) iħeġġu ambjent li fiha ma jkun hemm l-ebda żvantaġġ finanzjarju kkawżat mill-użu tiegħu meta mqabbel ma' proċeduri mwettqa fil-livell nazzjonali.

### **Jibnu l-pedamenti għal tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta**

Huwa rrakkomandat li t-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta tingħata biss:

- a) meta jiġu ssodisfati l-kriterji Ewropej kollha għal tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta stipulati fl-Anness II,  
  
u
- b) għall-kwalità assigurata skont l-ESG jew programmi rikonoxxuti, skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' standards komuni u l-kwalità u l-kredibbiltà tat-tikketta.

4. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:

- a) jippermettu lill-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-UE rreġistrati fl-EQAR u lil dawk l-aġenziji tal-UE li jimplementaw bis-sħiħ l-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti:
- i) jagħtu t-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta<sup>12</sup> għal programmi ta' lawrji konġunti mibnija fuq l-istrumenti eżistenti ta' Bologna u li jissodisfaw l-ESG kif ukoll il-kriterji Ewropej kollha stipulati fl-Anness II, fejn ikun meħtieġ programm jew approċċ ikkombinat għall-assigurazzjoni tal-kwalità esterna;
- jew
- ii) jagħtu lit-tipi kollha ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja soġġetti għal assicurazzjoni tal-kwalità esterna nazzjonali jew reġjonali fil-livell istituzzjonali, il-kapaċità li jagħtu lilhom infushom it-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta għall-programmi tal-lawrji konġunti tagħhom abbażi tal-assigurazzjoni tal-kwalità interna u l-konformità mal-istrumenti, l-ESG u l-kriterji Ewropej kollha eżistenti;
- b) jidentifikaw modi biex jikkomplementaw ir-rieżami regolari tal-ESG rigward il-ħidma tal-aġenziji nazzjonali tal-assigurazzjoni tal-kwalità biex jiġi żgurat li l-programmi konġunti jissodisfaw il-kriterji Ewropej; u jgħallqu repożitorju ta' programmi konġunti li jkunu ssodisfaw il-kriterji Ewropej u li jkunu eliġibbli biex jagħtu tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta.
- c) jaħdmu mal-Kummissjoni biex jiġi vvalutat jekk il-kriterji Ewropej għal tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta jistgħux jiġu applikati wkoll għal programmi ta' edukazzjoni għolja fil-livell 5 tal-QEK fejn applikabbli.

---

<sup>12</sup> Kif imsemmi fil-punt 12 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja (ĠU C 160, 13.4.2022, p. 1).

## Implimentazzjoni tar-rikonoxximent awtomatiku

5. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:

- a) jinkoraġġixxu u jappoġġaw l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku<sup>13</sup> permezz tal-proċessi interni u esterni tal-assigurazzjoni tal-kwalità ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja;
- b) jiżviluppaw, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u partijiet ikkonċernati oħra involuti, u joħorġu gwida ċara għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja dwar kif issir distinzjoni bejn ir-rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifika għall-aċċess u d-dritt tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jieħdu deċiżjonijiet dwar l-ammissjoni għal programm speċifiku. Jirrevedu dik il-gwida kif meħtieġ, filwaqt li jibnu fuq l-eżiti tar-rieżamijiet tat-timijiet tal-aċċelleratur tal-Erasmus+<sup>14</sup> għall-implimentazzjoni tar-rikonoxximent awtomatiku;
- c) jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-applikazzjoni ta' approċċ tal-eżiti tal-apprendiment fir-rigward tal-proċeduri ta' ammissjoni, mingħajr preġudizzju għall-kapaċità ta' dawn l-istituzzjonijiet li jiddeterminaw il-kriterji ta' ammissjonijiet speċifiċi tagħhom stess;
- d) jaħdmu ma' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u korpi nazzjonali jew reġjonali ta' rikonoxximent biex jimmonitorjaw id-deċiżjonijiet ta' rikonoxximent, itejbu l-għbir tad-data u l-approċċi bbażati fuq l-evidenza fil-livelli istituzzjonali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej;

---

<sup>13</sup> Kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż (ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1).

<sup>14</sup> Kif irrakkomandat fir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż, 23 ta' Frar 2023, COM(2023) 91 final.

- e) jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fil-ħruġ tal-lawrji u tal-mikrokredenzjali kollha f'format kompatibbli mal-istandards tal-Kredenzjali Diġitali Ewropej għall-Apprendiment (EDC), inkluż il-Mudell ta' Apprendiment Ewropew, bħala faċilitatur ewlieni tar-rikonoxximent awtomatiku, permezz ta' verifiki inkorporati ta' awtentiċità tal-EDC u evidenza ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' akkreditazzjoni;
- f) jinkoraġġixxu u jappoġġaw il-bini tal-kapaċità u n-networking tal-persunal fiċ-ċentri ENIC-NARIC u fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja permezz ta' taħriġ u għodod diġitali, inkluż fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali, u jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tar-rikonoxximent u tal-assigurazzjoni tal-kwalità;
- g) jappoġġaw il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-persunal li jaħdem fir-rikonoxximent u fl-assigurazzjoni tal-kwalità kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew, bejn in-network ENIC-NARIC u l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Garanzija ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (ENQA).

6. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jsegu dawn ir-Rakkomandazzjonijiet mill-aktar fis possibbli biex jippermettu lit-tipi kollha ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jimplimentaw it-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta u jesploraw il-perkors lejn lawrja Ewropea konġunta, f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta u l-passi li jmiss lejn lawrja Ewropea konġunta possibbli: nagħtu spinta lill-kompetittività tal-Ewropa u l-attrattività tal-edukazzjoni għolja Ewropea. Huma mistiedna, fil-kuntest tal-istrutturi ta' ħidma tal-qafas taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni<sup>15</sup>, jinfurmaw regolarment lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda fil-livell xieraq biex jappoġġaw l-oġġettivi ta' din ir-Rakkomandazzjoni bħala passi essenzjali lejn il-kisba u l-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.

---

<sup>15</sup> Kif spjegat fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn minnha (2021-2030) (ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1).

## JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI:

7. Tappoġġa l-iżvilupp ulterjuri tal-Bażi tad-Data tar-Riżultati tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità Esterna (DEQAR)<sup>16</sup>, ġestita mill-EQAR, biex tintuża bħala r-repożitorju tal-programmi li ngħataw it-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta, abbażi tal-prattika tajba taċ-Ċentri Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar ir-Rikonossiment Akkademiku (NARIC) li jużawha għar-rikonossiment awtomatiku.
8. Tkompli tappoġġa l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' Prattiki ta' Monitoraġġ tal-perkors tal-gradwati biex ittejjeb il-kwalità u r-rilevanza tal-edukazzjoni għolja, kif ukoll ittejjeb it-tqabbil u l-valutazzjoni komparattiva tagħha fost il-pajjiżi u l-istituzzjonijiet.
9. Tkompli taqşam mal-Istati Membri u mal-komunità wiesgħa tal-edukazzjoni għolja l-esperjenza akkumulata ta' inizzjattivi ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali bħal alleanzi u programmi tal-Universitajiet Ewropej bħall-Masters Konġunti tal-Erasmus Mundus, id-Dottorati Konġunti tal-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) jew programmi edukattivi speċjalizzati ffinanzjati permezz tal-Programm Ewropa Diġitali<sup>17</sup>.

---

<sup>16</sup> Id-DEQAR hija l-Bażi tad-Data tar-Riżultati tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità Esterna għall-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità elenkati fir-Reġistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (EQAR). L-aġenziji kollha rreġistrati fl-EQAR jistgħu jippubblikaw ir-rapporti tagħhom fil-Bażi tad-Data. Il-parteċipazzjoni fid-DEQAR hija volontarja.

<sup>17</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1).

10. Thegġegħ lill-Istati Membri jużaw l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI) biex jaċċedu għarfien espert tekniku mfassal apposta biex ifasslu u jimplimentaw ir-riformi meħtieġa fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, inkluż billi jtejbu l-mekkaniżmi ta' governanza u ta' assigurazzjoni tal-kwalità għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja.
11. Tappoġġa l-apprendiment komparattiv bejn l-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

---

**Elementi kostitwenti għall-esplorazzjoni tal-iżvilupp ta' qafas iddedikat għall-assigurazzjoni tal-kwalità għall-alleanzi ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja**

**1. INTRODUZZJONI**

L-elementi kostitwenti li ġejjin huma fformulati biex iservu bħala bażi għall-esplorazzjoni ta' qafas sħiħ għal approċċ ta' assicurazzjoni tal-kwalità ġdid għall-alleanzi ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja. Dawn jibbenefikaw mill-eżiti tal-proġetti QA-FIT u IMINQA ffinanzjati minn Erasmus+. Dawn l-elementi kostitwenti ġew analizzati flimkien mal-partijiet ikkonċernati tal-assigurazzjoni tal-kwalità u mhumiex maħsuba biex jidduplikaw proċessi oħra tal-assigurazzjoni tal-kwalità. Ser ikomplu jiġu żviluppati b'mod konġunt flimkien mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni għolja. Ser iservu bħala għodda volontarja li l-alleanzi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jistgħu jużaw biex jiżguraw il-kwalità u l-effiċjenza tal-attivitajiet tagħhom ġestiti b'mod konġunt.

**2. SKOP**

F'konformità mal-prinċipji tal-Istandards u l-Linji Gwida għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (ESG), l-evalwazzjoni tal-assigurazzjoni tal-kwalità tgħaqqad iż-żewġ għanijiet ta' responsabbiltà u ta' titjib, jiġifieri:

- a) tikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tal-alleanza u tappoġġa lill-alleanza fil-kisba tal-oġettivi tagħha; u
- b) tippermetti lill-alleanza turi l-kwalità tal-attivitajiet tagħha ġestiti b'mod konġunt.

B'riżultat ta' dan, l-evalwazzjoni, li għandha titwettaq minn aġenzija tal-assigurazzjoni tal-kwalità magħżula mill-alleanza:

- a) tirrikonoxxi li l-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja hija alleanza, skont it-tifsira ta' din ir-Rakkomandazzjoni;
- b) twassal għal tnaqqis fil-piż amministrattiv għall-alleanza billi tippermetti li l-attivitajiet ġestiti b'mod konġunt issirilhom assicurazzjoni tal-kwalità esterna fuq bażi konġunta u darba biss matul perjodu stabbilit ta' validità, minflok ma jkunu soġġetti għal diversi sistemi nazzjonali ta' assicurazzjoni tal-kwalità esterna; u
- c) tiffaċilita l-assicurazzjoni tal-kwalità tal-ġoti konġunt tal-edukazzjoni mill-alleanzi, pereżempju, programmi konġunti jew mikrokreċenzjali.

### 3. PRINĊIPJI

Il-metodoloġija tal-evalwazzjoni żviluppata mill-aġenziji tal-assicurazzjoni tal-kwalità għandha:

- a) tirrifletti l-awtonomija u d-diversità tal-alleanzi;
- b) tinkoraġġixxi xi alleanza biex tistabbilixxi sistema konġunta tal-assicurazzjoni tal-kwalità interna li tkopri l-ġoti konġunt kollu tagħha tal-edukazzjoni;
- c) issegwi prinċipju ta' darba biss: il-kwalità tal-ġoti konġunt tal-edukazzjoni tiġi assicurata esternament darba biss fl-istess perjodu ta' validità; u
- d) tintegra l-partijiet rilevanti kollha tal-ESG, l-Approċċ Ewropew għall-Assicurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti u, fejn rilevanti, il-kriterji Ewropej għat-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta kif stipulati fl-Anness II ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

#### **4. ELIĠIBILTÀ**

L-evalwazzjoni tkun miftuħa għal kwalunkwe alleanza ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja.

L-alleanza għandu jkollha xi forma ta' assigurazzjoni tal-kwalità interna fil-livell tal-alleanza li tiegħu r-responsabbiltà għal ċerti attivitajiet ġestiti b'mod konġunt.

#### **5. KAMP TA' APPLIKAZZJONI**

L-enfasi tal-evalwazzjoni jkun fuq l-effettività tal-mekkaniżmi tal-assigurazzjoni tal-kwalità interna u tat-titjib tal-kwalità tal-alleanza. L-alleanza għandha tiddetermina b'mod trasparenti liema għoti u liema attivitajiet konġunti tal-edukazzjoni huma sogggetti għall-assigurazzjoni tal-kwalità interna komuni fil-livell tal-alleanza.

#### **6. KARATTERISTIĊI EWLENIN**

L-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq standards li jinkorporaw bis-sħiħ il-Parti 1 tal-ESG.

L-istandards jistgħu jinkludu wkoll konferma li l-assigurazzjoni tal-kwalità interna tal-alleanza tiżgura li:

- a) il-programmi edukattivi konġunti offruti mill-alleanza jikkonformaw mal-istandards tal-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti; u
- b) il-programmi edukattivi konġunti jissodisfaw il-kriterji Ewropej bil-ħsieb li jwasslu t-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta jekk l-alleanza tiddeċiedi li tagħtiha.

L-evalwazzjoni għandha titwettaq minn aġenzija tal-UE tal-assigurazzjoni tal-kwalità rreġistrata fl-EQAR jew aġenzija tal-UE li timplimenta bis-siġh l-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti, magħżula mill-alleanza.

L-evalwazzjoni għandu jkollha metodoloġija u proċedura konsistenti, li għandhom jiġu stipulati f'qafas siġh li għandu jiġi esplorat abbażi ta' dawn l-elementi kostitwenti, li huma applikati irrispettivament mill-aġenzija li twettaq l-evalwazzjoni.

Il-metodoloġija tiżgura li kull proċedura tkun imfassla għall-alleanza individwali, filwaqt li tqis il-missjoni, il-kompożizzjoni tal-alleanza (pereżempju, id-daqs u l-firxa ġeografika), u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet ġestiti b'mod konġunt.

## **7. RIŻULTATI U KONSEGWENZI**

L-evalwazzjoni tirriżulta f'deċiżjoni mill-aġenzija tal-UE tal-assigurazzjoni tal-kwalità rreġistrata fl-EQAR jew l-aġenzija tal-UE li timplimenta bis-siġh l-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti, li tista' tkun pożittiva, pożittiva b'kundizzjonijiet jew negattiva.

B'kont meħud tar-rekwiżiti nazzjonali, deċiżjoni ta' evalwazzjoni pożittiva tagħti lill-alleanza d-dritt li:

- a) takkredita lilha nnifisha l-għoti konġunt tal-edukazzjoni tagħha kopert permezz tal-evalwazzjoni, bl-użu tal-istandards tal-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunt; u
- b) tuża t-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta għal daww il-programmi li jikkonformaw mal-kriterji Ewropej għal tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta.

L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu deċiżjoni pożittiva ta' evalwazzjoni kif ġej:

- a) għal assigurazzjoni tal-kwalità esterna nazzjonali fil-livell istituzzjonali: jeżentaw kull għoti konġunt tal-edukazzjoni li huwa kopert minn assigurazzjoni tal-kwalità interna konġunta li għadda mill-evalwazzjoni, milli jiġi soġġett għal proċeduri nazzjonali addizzjonali ta' assigurazzjoni tal-kwalità; u
- b) għal assigurazzjoni tal-kwalità esterna nazzjonali fil-livell ta' programm: jeżentaw il-programmi kollha li huma koperti minn assigurazzjoni tal-kwalità interna konġunta li għaddew mill-evalwazzjoni, milli jiġu soġġetti għal proċeduri nazzjonali addizzjonali ta' assigurazzjoni tal-kwalità.

**Kriterji Ewropej għat-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta**

Il-kriterji Ewropej huma maqsuma f'żewġ kategoriji:

- L-ewwel kategorija tiffoka fuq l-organizzazzjoni tal-programm<sup>18</sup>, abbażi tal-kriterji inklużi fl-ESG u fl-Approċċ Ewropew<sup>19</sup>;
- It-tieni kategorija tiffoka fuq id-dimensjoni Ewropea u tinkludi l-kriterji xprunati mill-valur, li jirriflettu l-importanza tal-valuri komuni Ewropej. Din tippromwovi l-valuri taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (il-libertà akkademika, l-integrità akkademika, l-awtonomija istituzzjonali, il-parteċipazzjoni tal-istudenti u tal-persunal fil-governanza tal-edukazzjoni għolja, ir-responsabbiltà pubblika għall-edukazzjoni għolja u r-responsabbiltà pubblika tal-edukazzjoni għolja) u l-multilingwiżmu, l-inklużività, is-sostenibbiltà ambjentali, l-interdixxiplinarjetà, l-opportunitajiet ta' apprendiment lil hinn mid-dinja akkademika u l-impjegabbiltà u d-diġitalizzazzjoni bħala s-sett ta' elementi li jagħmlu t-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta unika. F'dan ir-rigward, huwa importanti li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja parteċipanti jkunu ngħataw il-Karta Erasmus għall-Edukazzjoni Għolja u jkunu inkludew il-kriterji tad-dimensjoni Ewropea fl-arranġamenti konġunti tagħhom<sup>20</sup>.

---

<sup>18</sup> L-organizzazzjoni tal-programm tirreferi għal kif jiġi stabbilit il-programm konġunt u kif jiffunzjona fost l-istituzzjonijiet sħab.

<sup>19</sup> Fi ħdan proċess ta' allinjament dinamiku, bidliet futuri għall-ESG u għall-Approċċ Ewropew għandhom japplikaw ukoll għall-kriterji għall-għoti tat-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta.

<sup>20</sup> L-arranġamenti tal-programm konġunt jirreferu għall-qafas proċedurali u legali li jirregola t-tweqqif u t-tfassil tal-programm konġunt. L-arranġamenti konġunti jistgħu jkopru, pereżempju, l-ammissjoni konġunta, l-għażla tal-istudenti, il-kurrikulu konġunt, il-proċeduri ta' assigurazzjoni tal-kwalità, il-valutazzjoni, is-sistema ta' gradazzjoni, il-governanza konġunta, il-politiki ta' sostenibbiltà, l-organizzazzjoni finanzjarja, l-approċċ konġunt fir-rigward tal-alumni, l-istrateġija ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni, il-politiki konġunti dwar il-proprjetà intellettuali. Arranġamenti bħal dawn normalment jiġu stabbiliti f'dokumenti konġunti bħall-ftehim tal-konsorzju.

Il-kriterji Ewropej huma strutturati f'żewġ kategoriji biex jirriflettaw b'mod ċar ir-responsabbiltà primarja tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għas-salvagwardja tal-valuri akkademiċi, filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza tad-dimensjoni Ewropea.

Il-kriterji Ewropej għall-ġenri tat-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta huma soġġetti għal verifika minn aġenzija tal-UE tal-assigurazzjoni tal-kwalità rreġistrata fir-Reġistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni Għolja (EQAR) jew minn aġenzija tal-UE li timplimenta bis-siġħ l-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti jew, pereżempju fil-każ ta' istituzzjonijiet li jakkreditaw lilhom infushom, permezz ta' awtoevalwazzjonijiet. Il-kriterji għall-ġenri tat-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta jiġu vverifikati abbażi ta' awtodikjarazzjonijiet u rapporti ta' akkreditazzjoni jew ta' evalwazzjoni, kif ukoll dokumenti ewlenin li jiddeskrivu l-arranġamenti ta' programm konġunt, bħal ftehimiet ta' konsorzju fost affarijiet oħra.

| Kriterji Ewropej għat-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta |                                                      |                                                                                                                                                | Livelli tal-QEK |
|------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------|
| A. Kriterji tal-organizzazzjoni tal-programm               |                                                      |                                                                                                                                                |                 |
|                                                            | A1. Istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja involuti | Il-programm konġunt huwa offrut minn, mill-inqas, żewġ istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja minn, mill-inqas, żewġ Stati Membri differenti. | 6, 7, 8         |
|                                                            | A2. Għoti ta' lawrja konġunta tranżnazzjonali        | Il-programm konġunt huwa mfassal b'mod konġunt u mgħoti b'mod konġunt permezz tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja kollha involuti.     | 6, 7, 8         |
|                                                            |                                                      | Il-programm konġunt iwassal għall-għoti ta' lawrja konġunta.                                                                                   | 6, 7, 8         |
|                                                            |                                                      | Jinħareġ Suppliment għad-Diploma konġunta lill-istudenti.                                                                                      | 6, 7            |
|                                                            |                                                      | Il-programm konġunt jiddeskrivi l-eżiti tal-apprendiment u l-krediti f'konformità mal-Gwida għall-Utenti tal-ECTS.                             | 6, 7            |

|  |                                                  |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |         |
|--|--------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
|  | A3. Arranġamenti konġunti għall-programm konġunt | <p>Il-programm konġunt għandu politiki, proċeduri u/jew arranġamenti konġunti li jiddefinixxu l-ippjanar u t-twettiq tal-kurrikulu, kif ukoll il-kwistjonijiet organizzattivi u amministrattivi kollha.</p> <p>Ir-rappreżentanti tal-istudenti huma parti mill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex jiddefinixxu l-politiki u l-proċeduri u/jew l-arranġamenti konġunti.</p>                                                                                                        | 6, 7, 8 |
|  | A4. Arranġamenti ta' assigurazzjoni tal-kwalità  | <p>L-Assigurazzjoni tal-Kwalità interna u esterna titwettaq f'konformità mal-Istandards u l-Linji Gwida għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (ESG). L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, il-qasam ta' studju jew il-programm huma evalwati minn aġenzija tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-UE rreġistrata fl-EQAR jew aġenzija tal-UE li timplimenta bis-siġħ l-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti.</p> | 6, 7, 8 |

|  |                                            |                                                                                                                                                                                                             |         |
|--|--------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
|  |                                            | Il-programm konġunt huwa evalwat bl-użu tal-istandards tal-Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti (Approċċ Ewropew).                                                       | 6, 7, 8 |
|  | A5. Monitoraġġ tal-perkors tal-gradwati    | Il-programm konġunt jimmonitorja lill-gradwati permezz ta' monitoraġġ tal-perkors tal-gradwati jew bl-użu ta' data miġbura mill-Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Edukazzjoni Għolja.                     | 6, 7, 8 |
|  | A6. Apprendiment iċċentrat fuq l-istudenti | Il-programm konġunt huwa mfassal u msaħħaħ u mwassal kontinwament b'mod li jhegġegħ lill-istudenti jieħdu rwol attiv fil-proċess ta' apprendiment. Il-valutazzjoni tal-istudenti tirrifletti dan l-approċċ. | 6, 7, 8 |

|  |                                                                    |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |         |
|--|--------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
|  | A7. Kampus tranżnazzjonali – aċċess għas-servizzi                  | Il-programm għandu politiki konġunti għall-istudenti u l-persunal biex ikollhom aċċess għas-servizzi rilevanti fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja parteċipanti kollha skont kundizzjonijiet ekwivalenti bħall-istudenti rreġistrati kollha u l-persunal lokali kollu <sup>21</sup> .                      | 6, 7, 8 |
|  | A8. Mobilità flessibbli u inkorporata tal-istudenti                | Il-programm konġunt joffri mobilità fiżika tal-istudenti ta' mill-inqas 30 ECTS (li jista' jinqasam f'diversi soġġorni) f'istituzzjoni msieħba waħda jew aktar. Il-programm konġunt għandu politika li toffri alternattivi għal studenti li ma jistgħux jivvjaġġaw, bħal skambji virtwali u/jew mobilità mħallta. | 6, 7    |
|  |                                                                    | Il-programm konġunt joffri mill-inqas sitt xhur ta' mobilità fiżika f'istituzzjoni msieħba waħda jew aktar.<br><br>Il-programm konġunt għandu politika li toffri alternattivi għal studenti li ma jistgħux jivvjaġġaw.                                                                                            | 8       |
|  | A9. Kovalutazzjoni u superviżjoni konġunta għad-dissertazzjonijiet | Id-dissertazzjonijiet huma taħt is-superviżjoni ta' mill-inqas żewġ superviżuri u kovalutati minn koesuperviżuri jew minn kumitat b'membri minn tal-anqas żewġ istituzzjonijiet differenti li jinsabu f'żewġ pajjiż differenti.                                                                                   | 8       |

<sup>21</sup> Dan ma jimplikax dritt awtomatiku għal benefiċċji finanzjarji bħal boroż ta' studju jew sigurtà soċjali fl-istituzzjonijiet kollha.

## B. Kriterji tad-dimensjoni Ewropea

|  |                                                                                        |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |         |
|--|----------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
|  | B1. Interdixxiplinarjetà u apprendiment ibbażat fuq ir-riċerka                         | L-arranġamenti tal-programm konġunt jinkludu interdixxiplinarjetà inkorporata u/jew komponenti ta' apprendiment ibbażati fuq ir-riċerka, imfassla skont in-natura u ċ-ċirkostanzi tal-programm konġunt.                                                                                                                                                                          | 6, 7, 8 |
|  | B2. Opportunitajiet għall-apprendiment lil hinn mid-dinja akkademika u l-impjegabbiltà | L-arranġamenti tal-programm konġunt jipprevedu opportunitajiet biex titwessa' l-esperjenza tal-apprendiment tal-istudenti lil hinn mill-kuntest akkademiku, imfassla skont in-natura u ċ-ċirkostanzi tal-programm konġunt, inkluż ir-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol li jinkorporaw komponenti jew attivitajiet intersettorjali u l-iżvilupp ta' ħiliet trasversali <sup>22</sup> . | 6, 7, 8 |

<sup>22</sup> Tali opportunitajiet jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, elementi bħall-kooperazzjoni mas-setturi ekonomiċi u soċjali fit-tfassil u/jew l-implimentazzjoni tal-kurrikuli, l-internships, l-apprendiment ibbażat fuq ix-xogħol, is-sekondar/kollokament, il-volontarjat, l-apprendiment tas-servizzi u approċċi bbażati fuq l-isfidi.

|  |                          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                         |         |
|--|--------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
|  | B3.<br>Diġitalizzazzjoni | L-arranġamenti tal-programm konġunt jinkludu opportunitajiet għall-istudenti biex jiżviluppaw ħiliet u kompetenzi diġitali adegwati, imfassla skont in-natura u ċ-ċirkostanzi tal-programm konġunt.                                                                                                                                                                                                                                                                                     | 6, 7, 8 |
|  | B4. Valuri               | L-arranġamenti tal-programm konġunt jaderixxu mal-valuri taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (il-libertà akkademika, l-integrità akkademika, l-awtonomija istituzzjonali, il-parteċipazzjoni tal-istudenti u tal-persunal fil-governanza tal-edukazzjoni għolja, ir-responsabbiltà pubblika lejn l-edukazzjoni għolja, u r-responsabbiltà pubblika tal-edukazzjoni għolja) u jinkludu impenn biex jiġu promossi l-valuri komuni Ewropej <sup>23</sup> u ċ-ċittadinanza demokratika. | 6, 7, 8 |

---

<sup>23</sup> Kif espress fl-Artikolu 2 TUE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

|  |                              |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |         |
|--|------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------|
|  | B5. Multilingwiżmu           | L-arranġamenti tal-programm konġunt joffru opportunitajiet biex kull student jiġi mgħammar b'ħiliet lingwistiċi permezz ta' esponiment għal mill-inqas żewġ lingwi differenti tal-UE <sup>24</sup> matul l-attivitajiet ta' apprendiment jew il-mobbiltà.                                                                                                         | 6, 7, 8 |
|  | B6. Inklużività              | L-arranġamenti tal-programm konġunt jinkludi impenn lejn parteċipazzjoni wiesgħa billi jrawwem id-diversità, l-ugwaljanza u l-inklużjoni u billi jadotta miżuri mfassla apposta biex jappoġġa studenti u persunal b'inqas opportunitajiet.                                                                                                                        | 6, 7, 8 |
|  |                              | L-arranġamenti tal-programm konġunt jinkludu impenn lejn ir-rispett tal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi.                                                                                                                                                                                                                                             | 8       |
|  | B7. Sostenibbiltà ambjentali | L-arranġamenti tal-programm konġunt jinkludu politiki u azzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà ambjentali u jimplimentaw miżuri biex jimminimizzaw l-impronta ambjentali tal-attivitajiet tiegħu, u jipprevedu opportunitajiet għall-istudenti biex jiżviluppaw ħliet u kompetenzi ekoloġiċi adegwati, imfassla għan-natura u ċ-ċirkostanzi tal-programm konġunt. | 6, 7, 8 |

<sup>24</sup> L-esponiment għal-lingwi tal-UE jista' jsir fużu attiv u/jew passiv tal-lingwa/i, fi kwalunkwe livell f'attivitajiet ta' taġlim u/jew apprendiment, eżamijiet, attivitajiet ta' riċerka, attivitajiet ta' involviment professjonali jew ċiviku u matul perjodi ta' mobbiltà, inkluż billi wieħed imur fuq mobbiltà lejn pajjiż fejn lingwa differenti tintuża b'mod predominanti fil-ħajja ta' kuljum.

**Glossarju tat-Termini**

**Alleanza:** jirreferi għal grupp ta' mill-inqas żewġ istituzzjonijiet Ewropej tal-edukazzjoni għolja li daħlu f'kooperazzjoni strutturali tranżnazzjonali fit-tul li hija kkonfermata f'dikjarazzjoni ta' missjoni konġunta approvata minn kull membru tal-korpi rilevanti tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-alleanza fil-livell istituzzjonali. Din il-kooperazzjoni tinvolvi t-teħid ta' deċiżjonijiet konġunti dwar il-governanza u għandha l-offerta ta' għoti konġunt tal-edukazzjoni bħala missjoni ewlenija. Eżempji partikolari jinkludu daww l-alleanzi ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja ffinanzjati taħt l-Inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej.

**Għoti tal-edukazzjoni** jirreferi għall-għoti tal-edukazzjoni għolja fl-aktar sens wiesa' tagħha, inkluż programmi li jwasslu għal lawrja sħiħa, korsijiet li jwasslu għal mikrokredenzjali u għoti li mhuwiex parti minn programm li jwassal għal lawrja formali.

**Approċċ Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità ta' Programmi Konġunti:** approċċ li ġie approvat f'Mejju 2015 mill-Ministri Ewropej responsabbli għall-edukazzjoni għolja u li ġie żviluppat biex jiffaċilita l-assigurazzjoni tal-kwalità esterna ta' dawn il-programmi: huwa jiddefinixxi standards ibbażati fuq l-għodod miftiehma tal-EHEA, mingħajr ma jiġu applikati kriterji nazzjonali addizzjonali. L-approċċ huwa mistenni li jiffaċilita approċċi integrati għall-assigurazzjoni tal-kwalità ta' programmi konġunti, li ġenwinament jirriflettu l-karattru konġunt tagħhom. Dan l-approċċ huwa disponibbli fuq:

[https://www.eqar.eu/assets/uploads/2018/04/02\\_European\\_Approach\\_QA\\_of\\_Joint\\_Programmes\\_v1\\_0.pdf](https://www.eqar.eu/assets/uploads/2018/04/02_European_Approach_QA_of_Joint_Programmes_v1_0.pdf)

**Evalwazzjoni:** jirreferi għal rieżami ta' assigurarazzjoni tal-kwalità ta' istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja jew tal-ġhoti tal-edukazzjoni, imwettaq internament jew esternament.

**Programm għal lawrja konġunta** jirreferi għal programm konġunt li jwassal għal lawrja konġunta.

**Lawrja Ewropea konġunta:** Il-forma u d-definizzjoni finali tal-kunċett ta' "lawrja Ewropea konġunta" għandhom jiġu ddeterminati meta l-Kunsill jiddeċiedi li jieħu passi lejn l-introduzzjoni tiegħu, wara l-analiżi tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tat-tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta u l-istudju ta' fattibbiltà dwar il-lawrja Ewropea konġunta kif deskritt fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta u l-passi li jmiss lejn lawrja Ewropea konġunta possibbli: nagħtu spinta lill-kompetittività tal-Ewropa u l-attrattività tal-edukazzjoni għolja Ewropea. F'dan l-istadju, tista' tiġi definita kif ġej: Lawrja konġunta mogħtija lill-istudenti biex tiċċertifika t-tlestija ta' programm konġunt mogħti minn żewġ istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jew aktar minn pajjiżi differenti, inkluż mill-inqas żewġ Stati Membri tal-UE. Il-programm konġunt li jwassal għall-ġhoti tal-lawrja Ewropea konġunta jissodisfa sett komuni ta' kriterji Ewropej u huwa żgurat kwalità skont l-ESG u l-Approċċ Ewropew, li għandu jiffaċilita r-rikonossiment awtomatiku fl-UE. Fejn meħtieġ mill-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, il-lawrja Ewropea konġunta tista' tiġi integrata fil-leġiżlazzjoni nazzjonali biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tagħha fil-pajjiżi tal-istituzzjonijiet parteċipanti.

**Tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta:** Tikketta tal-kwalità mogħtija lil programmi konġunti mwassla permezz ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali bejn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja minn pajjiżi differenti, inkluż mill-inqas żewġ Stati Membri tal-UE, biex jaġixxu bħala għodda ta' mmarkar, jippromwovu l-konformità mal-istandards Ewropej u jipprovdu viżibbiltà u prestiġju għall-programmi konġunti ttikkettati. It-tikketta tingħata abbażi ta' kriterji komuni Ewropej wara valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-akkreditazzjoni jew tal-assigurarazzjoni tal-kwalità, bħal universitajiet li jakkreditaw lilhom infushom, aġenziji ta' akkreditazzjoni, jew korpi ta' assigurarazzjoni tal-kwalità.

**Attivitajiet ġestiti b'mod konġunt:** jirreferu għal dawk l-attivitajiet tal-alleanza u l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja membri tagħha li l-alleanza ddeċidiet li tagħmel soġġetti għas-sistema interna konġunta tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-alleanza.

**Programm konġunt** jirreferi għal kurrikulu integrat ikkoordinat u offrut b'mod konġunt minn istituzzjonijiet differenti tal-edukazzjoni għolja, li jwassal għal lawrji doppji/multipli jew lawrja konġunta.

**Assigurazzjoni tal-kwalità** jirreferi għall-proċessi, kemm interni kif ukoll esterni, imwettqa minn istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja jew minn aġenzija tal-assigurazzjoni tal-kwalità, biex jiġi żgurat ambjent ta' apprendiment li fih il-kontenut tal-programmi, l-opportunitajiet ta' apprendiment u l-faċilitajiet ikunu ekwi u adattati għall-iskop tagħhom. Attivitajiet ta' assicurazzjoni tal-kwalità għandhom iż-żewġ għanijiet ta':

- **Responsabbiltà:** Sistema ta' assicurazzjoni tal-kwalità tiżgura lill-komunità tal-edukazzjoni għolja u lill-pubbliku, il-kwalità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja b'konformità ma' sett ta' standards. Tista' tkun il-bażi għall-ġhoti ta' ċerti drittijiet lill-istituzzjoni: ir-reklutaġġ ta' studenti, l-ġhoti ta' lawrji, il-kisba ta' finanzjament pubbliku.
- **Titjib:** Is-sistemi ta' assicurazzjoni tal-kwalità jipprovdu wkoll pariri u rakkomandazzjonijiet, kemm lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja kif ukoll fi ħdanhom, dwar kif jistgħu jtejbu dak li qed jagħmlu.

Meħuda flimkien, ir-responsabbiltà u t-titjib ta' sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità joħolqu fiduċja fil-prestazzjoni tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja. Dawn huma kruċjali għall-appoġġ tal-iżvilupp ta' kultura ta' kwalità li hija mħaddna minn kulħadd: mill-istudenti u l-persunal sat-tmexxija u l-ġestjoni istituzzjonali. It-terminu "assigurazzjoni tal-kwalità" jintuża f'dan id-dokument biex jiddeskrivi l-attivitajiet kollha fiċ-ċiklu ta' titjib kontinwu, jiġifieri, kemm l-attivitajiet ta' responsabbiltà kif ukoll l-attivitajiet ta' titjib.

- a) **Assigurazzjoni tal-kwalità interna** jirreferi għall-proċessi mwettqa internament mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja stess. Dawn normalment jiġu żviluppati bħala parti mill-istrategġija ta' assigurazzjoni tal-kwalità ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, filwaqt li jirrikonoxxu r-responsabbiltà primarja tagħhom għall-kwalità tad-dispożizzjonijiet tagħhom u tal-assigurazzjoni tagħha.
- b) **Assigurazzjoni tal-kwalità esterna** jirreferi għall-proċessi mwettqa mill-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità.
- c) **Approċċ istituzzjonali għall-assigurazzjoni tal-kwalità esterna** jfisser li l-istituzzjoni jeħtieġ li tgħaddi minn proċess estern ta' assigurazzjoni tal-kwalità fil-livell istituzzjonali biss, biex tivvaluta l-effettività tal-proċessi interni tal-assigurazzjoni tal-kwalità tal-istituzzjoni, u jekk l-istituzzjoni għandhiex kultura ta' kwalità matura biżżejjed biex tiżgura l-kwalità għolja tad-dispożizzjonijiet ta' apprendiment tagħha. Dan jippermetti lill-istituzzjoni tiżviluppa u twettaq programmi mingħajr il-ħtieġa ta' rieżami estern tal-kwalità fil-livell tal-programm (f'ħafna pajjiżi, din tissejjaħ awtoakkreditazzjoni).
- d) **Approċċ ta' programm għall-assigurazzjoni tal-kwalità esterna** jfisser li kull programm individwali (jew grupp ta' programmi) li għandu jingħata minn istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja waħda jew aktar jeħtieġ li jgħaddi minn rieżami estern tal-proċess tal-assigurazzjoni tal-kwalità.

- e) **Approċċ ikkombinat għall-assigurazzjoni tal-kwalità esterna** jirreferi għal sitwazzjoni fejn sistema tal-edukazzjoni għolja jkollha approċċi kemm istituzzjonali kif ukoll ta' programm għall-assigurazzjoni tal-kwalità esterna. Dan huwa l-każ fil-biċċa l-kbira tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja fl-UE<sup>25</sup>.

**L-Istandards u l-Linji Gwida għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea ta'**

**Edukazzjoni Għolja (ESG):** huma sett ta' standards u linji gwida għall-assigurazzjoni tal-kwalità interna u esterna fl-edukazzjoni għolja. L-ESG mhumex standards għall-kwalità, u lanqas ma jippreskrivu kif jiġu implimentati l-proċessi tal-assigurazzjoni tal-kwalità, iżda jipprovdu gwida, li tkopri l-oqsma li huma vitali għall-ġoti ta' kwalità u ambjenti ta' apprendiment ta' suċċess fl-edukazzjoni għolja. L-ESG għandhom jitqiesu f'kuntest usa' li jinkludi wkoll oqfsa tal-kwalifiki, l-ECTS u s-Suppliment tad-Diploma li jikkontribwixxu wkoll għall-promozzjoni tat-trasparenza u l-fiduċja reċiproka fl-edukazzjoni għolja fl-EHEA. L-ESG huma disponibbli fuq:

<https://www.enqa.eu/esg-standards-and-guidelines-for-quality-assurance-in-the-european-higher-education-area/>.

---

<sup>25</sup> Bi tweġiba għal sħarriġ tal-Kummissjoni tal-2023 dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja, 14-il ministeru rrapportaw li japplikaw approċċ ikkombinat għall-assigurazzjoni tal-kwalità esterna.